Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 348 / 2018

Il-Pulizija

(Spettur Kylie Borg)

(Spettur Chantelle Casha)

vs

Carmel Polidano

Michael Mercieca

Muhammad Saleem

Illum 27 ta' Frar 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellati, Carmel Polidano detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 506259(M), Michael Mercieca detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 624160(M) u Muhammad Saleem detentur tal-karta tal-identita' Taljana bin-numru AV8406515, akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Lil Carmel Polidano waħdu akkuzat talli:

Nhar it-28 ta' Novembru 2015, għall-ħabta tal-16.30 ta' wara nofs inhar, ġewwa Monte Kristo Animal Park, f'Ħal Farruġ, limiti tas-Siġġiewi:

1. Ikkommetta r-reat illi jrabbi annimali aggressivi li jistgħu joħolqu periklu għas-sigurta tal-bniedem jew annimali oħra u li jappartjenu għal dawk il-kategoriji indikati mill-Ministru ma jistgħux jirtabbew, jew jiġu importati jew mibjugħa f'Malta;

2. U aktar talli żamm stabbiliment zooloġiku mingħajr liċenzja;

3. U aktar talli rrenda ruħu reċidiv b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Malta, liema sentenzi hija defenittivi u ma jistgħawx jiġu mibdula ai termini ta' Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Lil Carmel Polidano, Michael Mercieca u Muhammad Saleem:

Akkuzati talli nhar it-28 ta' Novembru 2015, għall-ħabta tal-16.30 ta' wara nofs inhar, ġewwa Monte Kristo Animal Park, Ħal Farruġ, limiti tas-Siġġiewi:

4. B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni taghhom, jew, b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġunaw offiża li tkun gravi fuq il-persuna ta' Ayden Cordina.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-27 ta' Lulju, 2018, fejn il-Qorti iddecidiet li ma sabitx lill-imputat Carmel Polidano hati tal-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjoni u minnhom illiberatu; ma sabitx lill-imputat Michael Mercieca hati tar-raba' (4) imputazzjoni u minnha illiberatu; sabet lill-imputat Muhammad Saleem hati tar-raba (4) imputazzjoni u wara li rat artikolu 226 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, izda in vista tac-cirkostanzi kollha fuq imsemmija bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446, illiberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal zmien tlett (3) snin mill-llum. Inoltre` bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta ordnat lil Muhammad Saleem ihallas terz tal-ammont ta' €1,167.79 jigifieri €389.27 rapprezentanti spejjez peritali. F'kaz li tali ammont jew parti minnu ma jithallasx fi zmien xahar mill-llum ghandu jigi konvertit fi prigunerija ai termini tal-ligi.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Avukat Generali, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-21 ta' Awwissu, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha **tirriforma s-sentenza** skond il-Ligi billi:

**Tirrevoka u thassar** s-sentenza in kwantu li sabet lil Carmel Polidano mhux hati tal-ewwel (1), tieni (2), tielet (3) u raba' (4) imputazzjoni dedotti kontrih u ghalhekk illiberatu minnhom, u tghaddi biex ssibu hati tal-istess imputazzjonijiet u tinfliggi piena skond il-ligi, inkluz il-hlas proporzjonat tal-ispejjez perizjali;

**Tirrevoka u thassar** s-sentenza in kwantu li sabet lil Michael Mercieca mhux hati tal-unika imputazzjoni dedotta kontrih, cioe' r-raba' (4) imputazzjoni, u ghalhekk illiberatu minnha, u tghaddi biex ssibu hati tal-istess imputazzjoni u tinfliggi piena skond il-ligi, inkluz il-hlas proporzjonat tal-ispejjez perizjali;

**Tikkonferma** s-sentenza in kwantu li sabet hati lil Saleem Muhammad tal-unika imputazzjoni dedotta kontrih, cioe' ir-raba' (4) imputazzjoni, u l-hlas ta' terz tal-ispejjez perizjali;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi fit-tnejn (2) ta` Awwissu tas-sena elfejn u tmintax (2018) l-esponent irċieva mingħand il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) l-atti proċesswali tal-proċeduri fl-ismijiet premessi u ħassu aggravat bihom b'mod ċar u manifest fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti tal-Magistrati kif ppreseduta, permezz tas-sentenża tagħha kif hawn fuq riferita, inter alia għamlet applikazzjoni żbaljata tal-liġi u enunċazzjoni żbaljata tal-provi kif miġjuba li filfatt waslet għall-ħelsien tal-appellat Carmel Polidano mill-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontriħ kif ukoll tal-appellat Michael Mercieca tal-imputazzjoni miġjuba kontrih u għaldaqstant l-esponent qiegħed jinterponi umli appell u dan għar-raġunijiet segwenti:

Illi bħala premessa tajjeb jiġi stabbilit li fl-ebda stadju ma ġew opposti jew intalab l-isfilz tal-istqarrijiet mertu tal-każ odjern, u li l-istess ingħataw liberament wara li l-garanziji meħtieġa skond il-liġi ġew provduti, fosthom l-assistenza legali, u f'dan ir-rigward għandha ssir referenza għad-dikjarazzjonijiet li jinsabu a fol. 5 u 31 tal-atti proċesswali;

**Rigward l-ewwel (1) imputazzjoni kontra l-appellat Carmel Polidano**

Illi l-Qorti fis-sentenza odjerna qalet illi meta seħħ l-inċident il-**Liġi Sussidjarja 439.19 (Regolamenti dwar il-Pussess u ż-Żamma ta` Annimali Perikolużi)** ma tapplikax għal każ in deżamina, u dan għaliex il-każ seħħ fis-sena elfjen u ħmistax (2015) meta l-imsemmijin regolamenti ġew fis-seħħ fis-sena elfejn u sittax (2016);

Għalkemm l-esponent jaqbel ma dak li qalet il-Qorti xorta jibqa' perpless u dan għas sempliċi fatt li l-prosekuzzjoni ma akkużatx lill-appellat Carmel Polidano taħt il-Liġi Sussidjarja 439.19, u dan jidher ampjament ċar anki mid-diċitura tal-ewwel imputazzjoni, fejn l-appellat infatti ġie akkużat taħt l-**Artikolu 43(1) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali**, li daħal fis-seħħ fis-sena elfejn u tnejn (2002) u l-artikolu odjern ġie emendat fis-sena elfejn u erbatax (2014), u għaldaqstant il-Qorti kellha tieħu konnizzjoni ta' din l-imputazzjoni u tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha a bażi tal-imsemmi Artikolu 43(1) tal-Kap. 439 li saħansitra ġie kkwotat anki fuq il-komparixxi[1];

**Rigward it-tieni (2) mputazzjoni kontra l-appellat Carmel Polidano**

Illi l-ewwel Qorti kkunsidrat il-fattispecie tal-każ u għamlet aċċenn għat-tieni mputazzjoni addebitati kontra Carmel Polidano. L-ewwel Qorti għamlet referenza għar-Regolamenti dwar il-Pussess u ż-Żamma ta` Annimali Selvaġġi fi Stabbiliment Żooloġiċi (Liġi Sussidjarja 439.08), fejn infatti ġiet osservata d-definizzjoni ta` "stabilimenti żooliċi" li tinkludi *"l-istabbilimenti permanenti kollha fejn jinżammu għal wiri lill-pubbliku għal sebat ijiem jew aktar fis-sena, l-annimali ta` speċi selvaġġa..."*.[2] Apparti minn hekk, l-istess liġi sussidjarja tkompli tgħidilna li *"[k]ull stabiliment żooloġiku għandu jkollu liċenza fi żmien erba` snin wara d-dħul fis-seħħ ta` dawn ir-*

[1] Vide fol. 2 tal-atti proċesswali, isfel;

[2] Vide Artikolu 2 tal-Liġi Sussidjarja 439.08

*regolamenti, jew, fil-każ ta` stabiliment żooloġiċi ġodda, qabel ma dawn jinfetħu għall-pubbliku"*[3];

Illi ħarsa tajba lejn il-provi prodotti mil-Prosekuzzjoni, wieħed għandu jagħmel referenza għal l-istqarrija ta` Carmel Polidano stess fuq il-każ in kwistjoni meħuda mil-Pulizija fid-disgħa (9) ta` Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016), fejn liberament sostna li l-Animal Park konċernat kien *"ilu magħluq fuq sena u kien ilu sena miftuħ qabel"*. Illi meta ġie mistoqsi x'tip ta` annimali hemm f'dan il-park, l-appellat Carmel Polidano jagħti lista sħieħa li tinkludi: *"camels, ajkli, tigri, iljuni, zebras... hemm xi 3000 biċċa differenti"*, ċioe saret referenza għal mil-inqas ħames speċi ta` annimali li bl-ebda mod ma jistgħu jitqiesu bħala annimali domestiċi[4]. Illi saħansitra anki mil-istqarrija tal-appellat Michael Mercieca toħroġ fiċ-ċar li kien ilu impjegat fi ħdan Monte Kristo Animal Park xi ħames snin u meta mistoqsi jekk fid-data tal-inċident l-istabbiliment konċernat kienx miftuħ għal pubbliku, it-tweġiba kienet ċara: *"Dak iż-żmien miftuħ għal pubbliku kien. Minn dak l-inċident l'hawn ingħalaq għall-pubbliku. Propja ingħalaq ingħalaq mit-tieni inċident mhux min dan l-ewwel wieħed"*.[5]

Illi di piu` jekk mill-istess stqarrija joħroġ ċar li l-imsemmi Animal Park kien ilu miftuħ mill-inqas għal sena qabel ma` seħħ l-inċident, dan jindika ben kjarament li bħala stabbiliment mhux talli kien miftuħ għal iktar minn sebat' ijiem sa d-data tal-inċident, iżda wkoll, bħala stabbiliment żooloġiku, l-imsemmi Animal Park effetivament għamel is-sena elfejn u erbatax (2014) kollha miftuħ waqt li kien nieqes minn liċenza neċċessarja, u dan nonostante l-fatt li l-liġi tgħid ċar u tond li stabbiliment żooloġiku jrid ikollu liċenza fi żmien erba` snin wara d-dħul fis-seħħ tar-regolamenti fil-Liġi Sussidjarja 439.08 li effetivament daħlu fis-seħħ fit-tletin (30) ta` Settembru tas-sena elfejn u disgħa (2009);

Illi ġaladarba l-inċident seħħ f'Novembru ta-sena elfejn u ħmistax (2015), hawn qegħdin nittrattaw fuq medda ta' sitt (6) snin mid-dħul fis-seħħ ta-Leġislazzjoni Sussidjara 439.08, sentejn iktar miż-żmien preskritt mir-regolamenti applikabli. Għaldaqstant, l-imsemmi stabbiliment ma seta qatt ikun miftuħ, lanqas għal sena

---

[3] Vide Artikolu 4(2) tal-Liġi Sussidjarja 439.08

[4] Vide fol. 33 tal-atti proċesswali;

[5] Vide fol. 7 tal-atti proċesswali;

biss (jekk għandu jiġi kkunsidrat bħala stabbiliment ġdid) qabel mal-liċenza neċċessarja kienet akkwistata, jew se mai jekk għal grazzja tal-argument ma kienx stabbiliment li jista` jiġi kkunsidrat ġdid, fi żmien erba` snin mit-tletin (30) ta` Settembru tas-sena elfejn u disgħa (2009), kif infatti ma ġarax, u għalhekk għar raġunijiet premessi, mil-ebda lat l-istabbiliment Monte Kristo Animal Park ma seta qatt jitqies bħala stabbiliment żooloġiku adekwament liċenzat;

Illi bid-dovut rispett, fid-dawl tal-provi u konsidereazzjonijiet sui riferuti, l-esponent iħoss li l-Ewwel Qorti ma kienetx korretta li tiddeduċi li l-Prosekuzzjoni b'xi mod jew ieħor rabtet lilha nnifisa ma` ġurnata biss ai fini li tipprova t-tieni mputazzjoni dedotta kontra l-appellat Carmel Polidano. Mil-kontenut tal-istqarrijiet, li;

**Rigward ir-raba` (4) imputazzjoni fil-konfront tal-appellat Carmel Polidano;**

Illi rigward ir-raba` (4) imputazzjoni kontra l-appellat Carmel Polidano, jerġa jsir aċċenn għal-istqarrija tal-istess appellat. Illi ħareġ kjarament illi l-appellat Carmel Polidano ddikjara lilu nnifsu direttur tal-Monte Kristo Estates u stqarr ukoll li Monte Kristo Animali Park infatti jaqa` taħt ir-responsabilta tiegħu;[6]

Illi meta ġie mistoqsi mil-Pulizija rigward il-konsapevolezza tiegħu fuq il-prassi f'Monte Kristo Animal Park li t-tigri kienu jinħarġu f'ħinijiet fejn il-lok in kwistjoni ikun aċċessibli w infatti frekwentat minn membri tal-pubbliku, l-istess appellat Carmel Polidano ammetta li fil-verita kien jaf imma kienx jemmen li ser jiġri xi aċċident għax it-tigri kienu "*fidili ħafna*"!;[7]

Illi bid-dovut rispett, filwaqt li l-esponent konvint li l-inċident in kwistjoni ma kien diżerat mil-ebda parti, il-fatti huma li ttieħdet deċiżjoni li bhima selvaġġa u perikoluża bħal ma` hi tigra tinħareġ għal passiġġata madwar il-lok f'ħinijiet fejn il-pubbliku ikun preżenti u miexi fl-istess lok. Di piu` jidher li tali prattika kienet ssir fuq bażi regolari bil-barka tal-amministrazzjoni tal-Monte Kristo Animal Park, u essenzjalment skond l-istess appellat Carmel Polidano: "*kienet normali li joħorġuwom* [lit-tigri]";

---

[6] Vide fol. 33 tal-atti proċesswali;

[7] Vide fol. 34 tal-atti proċesswali;

Illi di piu`, jirriżulta ċar mix-xiehda ta` Michael Mercieca waqt l-inkjesta li kien l-appellat Carmel Polidano stess li ta' l-ordni lil handlers Saleem u Ahmad Mohammad sabiex joħorġu t-tigra;[8]

Illi kif ġie ben rikonoxxut anki minn dak li rriżulta fl-inkjesta, il-punt kruċjali jibqa` li dan huwa każ fejn tigra inħarġet mil-gaġġa u ġiet esposta għal pubbliku b'distanza ta` ftit metri, tigra li għal kull bon fini għandha titqies bħala bhima perikoluża, inkontrollabli u imprevedibli meta komparata ma` annimal domestiku. Il-bon sens waħdu jgħidlek li annimal selvaġġ m'għandu qatt jiġi fdat f'kuntatt mal-pubbliku (anki dawk imrobbijin f'kaptivita`) speċjalment meta l-*handlers* stess bħala impjegati iqajmu dubji kbar fuq il-kwalifikazzjonijiet u kompetenza tagħhom, aħseb u ara meta wieħed iqis dak li kien ikun mistenni minn *bonus paterfamilias* f'tali ċirkostanzi.

Illi f'dan ir-rigward tajjeb li wieħed jikkonsidra anki x-xiehda ta` Dott. Roberto Andrea Balbo[9] u Dott. Duncan Chetcuti Ganado[10] (li ġie riprodott quddiem l-ewwel Qorti iżda pero fl-umli opinjoni tal-esponent, tali smiegħ sfortunatament ikkonstatat iktar bħala argument bejn il-prosekuzzjoni u l-Qorti milli smiegħ biex tiġi stabbilita l-verita fl-intier tagħha)[11] fejn tingħata stampa ċara fuq il-perikli previsti meta wieħed jittratta ma bhejjem li di natura huma predaturi u li s-sopravivenza tagħhom stess tiddependi fuq l-istint tagħhom li jkunu dominanti, aggressivi u vjolenti. F'dan ir-rigward ġie kjarifikat li hemm implikazzjonijiet serji ta` sigurta anki jekk bhima selvaġġa ma tkunx miżmuma f'*enclosure* adekwat, aħseb u ara meta tali bhima tinħareġ minn tali *enclosure* u ssib ruħa mdawra minn membri ta` pubbliku f'distanza qasira ħafna, distanza li persuna tkun tista` tmiss it-tali bhima u tieħu ritratt magħha!;[12]

**Rigward it-tielet (3) imputazzjoni fil-konfront tal-appellat Michael Mercieca;**

---

[8] Vide fol. 88 tal-atti proċesswali;
[9] Vide fol. 119-127 tal-atti proċesswali

[10] Vide fol. 128-137 tal-atti proċesswali;

[11] Vide fol. 236-240 tal-atti proċesswali;

[12] Vide stqarrija ta` Saleem Mohammed a fol. 13 tal-atti proċesswali;

Illi fid-dawl tal-kopji veri tas-sentenzi kontra Carmel Polidano eżebiti mil-prosekuzzjoni[13] jekk ġaladarba dina l-Onorabbli Qorti tagħżel li ssib ħtija f'waħda jew iktar mil-ewwel (1), tieni (2) jew raba` (4) imputazzjoni dedotti kontra Carmel Polidano, it-tielet (3) imputazzjoni tiġi wkoll ben provata;

**Rigward ir-raba` (4) imputazzjoni fil-konfront tal-appellat Michael Mercieca;**

Illi jirriżulta minn informazzjoni meħuda mil-Pulizija a tempo vergine li l-*handlers* Saleem Mohammad u Ahmad Mohammad kienu ħadu l-permess mill-appellat Michael Mercieca sabiex joħorġu t-tigra mil-gaġġa u li dan fl-ebda ħin ma oġġezzjona jew oppona tali azzjoni;

Illi mill-istess informazzjoni ġie stabbilit ukoll li l-appellat Michael Mercieca kien infatti ben informat u konsapevoli li t-tigra kienet se tinħareġ mil-gaġġa fil-ħin fejn il-pubbliku kien preżenti fil-lok in kwistjoni, u bħala l-persuna li ġie identifikat kemm mil-handlers stess kif ukoll mil-Pulizija bħala l-manager tal-impjegati ta` Monte Kristo Animal Park li jieħdu ħsieb l-annimali (li tinkludi kemm dawk domestiċi u relattivament mansi kif ukoll dawk li huma meqjusin bħala annimali selvaġġi u perikolużi) dan ma għamel assolutament xejn sabiex iwaqqaf din il-prattika ferm irresponsabli u perikoluża;[14]

Illi s-sueċepit huwa kombaċat ma` dak li ħareġ fl-istqarrija kemm ta` Saleem Mohammad kif ukoll tal-appellat Michael Mercieca stess, fejn Salemm Mohammad stqarr li kiseb il-permess biex joħroġ lit-tigra mill-gaġġa minn għand Michael Mercieca,[15] filwaqt li Michael Mercieca rrikonoxxa li meta l-handlers stess kienu saqsewh biex joħorġu lit-tigra, l-attitudni rigward din it-tip ta` prattika kienet: "*Jien għidtilhom li s-soltu joħorguhom u ma kellhomx għalfejn jistaqsu lili*". Illi tali aġir ma jawgura xejn tajjeb minn persuna li ġiet identifikata f'bosta istanzi bħala l-manager fi ħdan Monte Kristo Animal Park, kif ukoll kif stqarr huwa stess li "[huwa] *wieħed*

[13] Vide fol. 35-40 tal-atti proċesswali;

[14] Vide fol. 147 tal-atti proċesswali;

[15] Vide fol. 12 tal-atti proċesswali, isfel;

*minnhom imma peress li għandi iktar esperjenza, huma qiesu jirreferu lili biex ngħidilhom x'iridu jagħmlu"*.[16]

Illi f'dan l-istadju tajjeb li jiġi sottolinejat li meta ttieħdet ix-xiehda tal-istess Michael Mercieca waqt l-inkjesta, huwa stess identifika ruħu bħala l-persuna inkarigata li tieħu ħsieb iż-*zoo* fi ħdan Monte Kristo Estates nonostante għandu esperjenza biss ma` annimali domestiċi u li dakinhar tal-inċident, anki wara li l-*handlers* ġew ordnati minn Carmel Polidano biex joħorġu t-tigra, l-istess *handlers* talbu permess minn Michael Mercieca fejn dan ikkonferma dak li ordna Carmel Polidano;[17]

Ikkunsidrat;

Illi in breve, il-fatti huma s-segwenti:

1. Illi fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) ghal habta tal-erbgha u nofs ta' wara nofsinhar (16:30pm), tifel sofra griehi minn tigra[18];

2. Jirrizulta li dan l-incident sehh vicin *carousel* li ftit tal-hin qabel dan it-tifel kien qieghed fuqha, tant li ftit wara li tnizzel minn din il-carousel, huwa sofra griehi minn din it-tigra;

3. Jirrizulta li din it-tigra kienet inharget mill-gagga taghha sabiex tittiehed ghal mixja;

4. It-tigra kienet qieghda tinzamm permezz ta' cinga minn zewg persuni u cioe' Saleem Muhammed u Ahmed Mohammed;

5. Illi ma jirrizultax li dan l-istabbiliment fejn sehh l-incident kien licenzjat sabiex jopera bhala 'zoo'[19];

6. Illi ghalhekk inhargu l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-appellati;

Illi l-Avukat Generali appella minn din is-sentenza. Kif deciz minn din il-Qorti permezz tas-sentenza tal-hamsa (5) ta' Frar tas-sena elfejn u dsatax (2019) din il-Qorti

[16] Vide fol. 6 tal-atti proċesswali;

[17] Vide fol. 87-88 tal-atti proċesswali;

[18] Hemm verzjonijiet konfliggenti dwar kif sehh dan l-incident u cioe' jekk kinitx it-tigra li avvicinat it-tifel jew jekk kien it-tifel li avvicinaha;

[19] Skont ix-xhieda moghtija minn Dr Duncan Chetcuti Ganado fl-atti tal-inkjesta dan l-istabbiliment mhuwiex licenzjat bhala zoo.

mhijiex sejra tqis l-istqarrijiet rilaxxati mill-imputati u lanqas sejra tqis kwalunkwe referenza ghalihom. Gialadarba stqarrijiet rilaxxati mill-imputati mhumiex ammissibli, din il-Qorti lanqas sejra tqis ix-xhieda moghtija mill-appellati Michael Mercieca u Saleem Muhammed quddiem l-espert tekniku Vincent E. Ciliberti fl-atti tal-inkjesta gialadarba ma jirrizulta li inghatghu d-dritt li jkollhom Avukat prezenti waqt it-tehid ta' dawn ix-xhieda. Carmel Polidano ma jirrizultax li xehed quddiem dan l-espert tekniku. Din il-Qorti lanqas ma sejra tqis dikjarazzjonijiet u verzjonijiet rilaxxati mill-imputati skont ma jirrizulta mir-rapport tal-Pulizija a fol 144 et sequitur senjatament a fol 147 kif ukoll a fol 212 et sequitur senjatament a fol 215, stante li lanqas jirrizulta li l-imputati kienu nghataw id-dritt li jkollhom Avukat prezenti.

L-appellant Avukat General jissottometti li l-Qorti ghamlet applikazzjoni zbaljata tal-ligi u enuncazzjoni zbaljata tal-provi li waslet ghal helsien tal-appellat Carmel Polidano u Michael Mercieca tal-imputazzjonijiet migjuba kontrihom.

Dwar l-ewwel imputazzjoni kontra l-appellat Carmel Polidano, l-Avukat Generali jissottometti li l-prosekuzzjoni ma akkuzatx lill-appellat Carmel Polidano taht il-Ligi Sussidjarja 439.19 izda kien akkuzat taht l-artikolu 43(1) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali u li l-Qorti kellha tiehu konjizzjoni ta' din l-imputazzjoni u taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha abbazi ta' dan l-artikolu li kien anke kwotat fuq il-komparixxi;

Ikkunsidrat;

Permezz tal-ewwel imputazzjoni, l-appellat Carmel Polidano gie akkuzat li '*Ikkommetta r-reat li jrabbi annimali aggressivi li jistgħu joħolqu periklu għas-sigurta tal-bniedem jew annimali oħra u li jappartjenu għal dawk il-kategoriji indikati mill-Ministru ma jistgħux jirtabbew, jew jiġu importati jew mibjugħa f' Malta;*'

L-artikolu 43(1) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

'*Sakemm ma jiġix preskritt mod ieħor, annimali aggressivi li jistgħu joħolqu periklu għas-sigurtà tal-bniedem jew annimali oħra u li jappartjenu għal dawk il-kategoriji indikati mill-Ministru ma jistgħux jitrabbew, jew jiġu importati jew mibjugħa f'Malta.*'

Ghalhekk sabiex din l-imputazzjoni tigi ippruvata, il-Prosekuzzjoni kellha tressaq prova li l-appellat Carmel Polidano fid-data tal-akkuza u cioe' fit-tmienja u ghoxrin

(28) ta' Novembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) rabba annimali aggressivi li jistghu joholqu periklu ghas-sigurta' tal-bniedem jew annimali ohra. L-Ewwel Qorti qieset kif il-Prosekuzzjoni ma prezentatx elenku ta' annimali li nstabu dak in-nhar mertu tal-akkuza. Din il-Qorti sejra taghmel referenza ghal provi rigwardanti dan.

Skont ma jirrizulta mir-relazzjoni tat-Tekniku Vincent E. Ciliberti fl-atti tal-inkesta a fol 64 et sequitur, l-access gie mizmum fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Novembru tas-sena elfejn u hmistax (2015)[20] filwaqt li l-incident sehh gurnata qabel. Quddiem it-Tekniku, ix-xhieda Ahmad Mohammed, Melvin Barbara, Manual Grech, Felix Barun u Daniro Barun li din il-Qorti qieghda tqis bhala ammissibli, ilkoll ikkonfermaw li kien hemm tigra dak in-nhar li sehh l-incident, b'dan li hemm verzjonijiet differenti ta' kif it-tifel spicca aggrediet mit-tigra. Ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li dak in-nhar tal-incident, kien hemm tigra fuq il-post, liema tigra ittiehdet ghal passigata f'dan l-istess post li kien miftuh ghal publiku.

Dr Roberto Andrea Balbo fl-atti tal-inkjesta in kwistjoni xehed fid-disgha (9) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) fejn fost affarijeit ohra spjega dwar Montekristo Parks Hal Farrug li '*This estate has been operating an illegal zoo.*' Jghid li d-Dipartiment beda azzjoni ta' infurzar fl-elfejn u tnax (2012) u li l-'*operator exhibited a number of animals to the public in contravention to the current legal notice 265/2003.*' Mistoqsi kemm ilhom jintwerew annimali lil publiku qal li mill-anqas mill-elfejn u tnax (2012) meta inharget l-ewwel *warning*. Dr Roberto Andrea Balbo xehed ukoll quddiem l-Ewwel Qorti fit-tnax (12) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) fejn fost affarijiet ohra spjega li '*back in two thousand and fourteen (2014) and then in two thousand and fifteen (2015) after having issued two (2) warning letters we issued a kwerela against the operator of these illegal premises...*' Jghid li '*this is something that goes back several years ago, the kwerela was issued on the eighteenth (18) July two thousand and fourteen (2014).*' Jghid li '*The operation said that it was not going to be open to the public and fix all the shortcomings which were highlighted during the previous inspections.*' Dr Duncan Chetcuti Ganado li xehed fid-disgha (9) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) fl-atti tal-inkjesta spjega li '*Fit-12 ta' Dicembru tal-2012 ghamilt l-ewwel*

[20] Il-verbal tal-access li jinsab a fol 75 jaqra *'Illum, is-Sibt 28 ta' Novembru 2015. Access mizmum illum, il-Hadd 29 ta' Novembru 2015...'* ghalhekk din il-Qorti interpret dan bhala li l-access mit-Tekniku Vincent E. Cliberti inzamm l-ghada tal-incident in kwistjoni.

*qisu l-ewwel ispezzjoni ufficjali tieghi fuq dan il-post, Monte Kristo Estates Hal Luqa u rajt hafna nuqqasijiet f'dan il-post, inkluz il-fatt li kien miftuh ghal pubbliku.*' Jghid li avza lil Charles Polidano, baghtlu ittra u qallu li jrid jaghlaq ghal pubbliku. Jghid li mhuwiex licenzjat bhala zoo. Jghid li '*il-wild cats huma mizmumin b'mod perikoluzi ghan-nies. Semmejt ukoll il-welfare taghhom mhux tajjeb pero' s-separazzjoni tal-wild cats u l-pubbliku kien netting zghira fejn tifel seta' facilment iwegga.*' Xehed ukoll li fis-sebgha (7) ta' April tas-sena elfejn u erbatax (2014) rega mar u sab l-affarijiet precizament kif kienu. Hareg written warning ohra bl-istess kriterji li qed jiftah ghal pubbliku ghal iktar minn sebat'ijiem huwa zoo, qed jiftah bla licenzja u '*l-istandards ta' dawn l-animali ma.*' Jghid li fil-hmistax (15) ta' April rega mar u ma kienx hemm varjazzjoni. Xehed li Charles Polidano huwa s-sid ta' Monte Kristo Estate.

Dr Duncan Chetcuti Ganado xehed ukoll quddiem l-Ewwel Qorti fit-tletin (30) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018) fejn spjega li jaf li l-post tas-Sur Polidano, li '*Jiena kont gejt involut direttament f' dan il-qasam f' Dicembru elfejn u tnax (2012) u minn dakinhar l- hemm speci kont insegwi ma diversi nies u hu responsabli tal-post ovjament, pero' nies differenti tahtu biex nara xi zvilupp qed isir.*' Jghid ukoll li '*Konna hrignielu warning letter darba, darbtejn u konna ghamilna kwerela biex speci ghax dan baqa jinsisti li jiftah ghal publiku. Ahna konna tlabnieh biex ma jiftahx ghal publiku u d-darbtejn jigifieri li konna ktibnielu kont ktibtlu wkoll li dan qieghed jipperikola n-nies, il- publiku li qieghed jigi fil-post.*' Jghid li '*darba f' Jannar ta' l-elfejn u tlettax (2013) kont ghidtli l- wild cats huma non human . . . , li the animals are separated from the public by a single fence, there must be a double fence separating te person from the animal. The separation is presently putting the public at risk from getting injured seriously. F'April two thousand fourteen (2014) kont hrigtlu final warning, kien propjament l- ewwel warning li qed nghidli biex bazikament jieqaf biex juzah bhala Zoo, jigifieri to refrain from exhibiting the animals to the public. Imbaghad wara kont sibt site fuq midja socjali fejn kien hemm poster fuq l- internet li tghid Montecristo animal port, kont cempilt ghax kien hemm in-numru u kienu qalulu li ...*' Dan kien fil-hmistax (15) ta' April tas-sena elfejn u erbatax (2014). Mistoqsi meta mar fuq il-post tal-incident wiegeb '*Dikinhar li sehh mort, pero' kont mort qabel u wara hafna drabi.*' Jghid li '*gejna mgharfin li qed jiftah ghal publiku mill- elfejn u tnax (2012), jigifieri mill-elfejn u tnax (2012) sal- elfejn u hmistax (2015) konna qed nigru warajh speci biex jirranga l-affarijiet biex jigi skond dik il- ligi.*' Mistoqsi dwar it-tmienja u ghoxrin (28) ta'

Novembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) u cioe' x'annimali kellu dakinhar fl-erbgha u nofs li kienu bla permess, aggressiv u joholqu periklu ghal pubbliku, u jekk ghamlux elenku tal-annimali dakinhar, wiegeb li dakinhar ma ghandux elenku. Mistoqsi jekk kienux jafu li hemm annimali ohra wiegeb li iva kienu jafu ghax l-annimali qabel u wara kienu marru dik il-gurnata u l-istess annimali kienu. Inventarju ta' annimali fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) fl-erbgha u nofs ta' wara nofsinhar ma sarx. Dr Duncan Chetcuti Ganado rega xehed fis-seduta tal-ghaxra (10) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) fejn qal li '*Dik il- gurnata stess ma ghamilt l- ebda spezzjoni specifika u ma ghamiltx ebda censiment ta' annimali. Izda ghandi elenku qabel u elenku wara li jikkombacaw ma l-annimali.*' Ghalkemm huwa xehed li ghandu paragun tal-annimali li kien hemm f'April tas-sena elfejn u hmistax (2015), April tas-sena elfejn u sittax (2016) u April tas-sena elfejn u tmintax (2018), l-Ewwel Qorti accetat li tigi prezenta l-lista ta' April tas-sena elfejn u hmistax (2015) u cioe' qabel ma sehh l-incident. Din il-lista' tinsab a fol 242 u skont dan ix-xhud '*mibghuta lili through Monticristo Mr. Anton Pace*'.[21]

Kien l-Ispettur Alfredo Mangion li xehed fit-tmintax (18) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018) li kien mar fuq il-post dak in-nhar tal-incident. Mir-relazzjoni tal-espert PC1331 Darren Debattista inkarigat mill-Magistrat Inkwirenti sabiex jiehu ritratti necessarji fil-kaz, ma jirrizultax kjarament jekk l-espert marx dak in-nhar tal-incident fuq il-post jew marx l-ghada tal-incident izda d-dati fuq id-dokumenti b'ritratti huma datati d-disgha u ghoxrin (29) ta' Novembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) u gialadarba f'din ir-relazzjoni hemm imnizzel li '*gurnata ta' qabel nhar it-28 ta' Novembru 2015, fejn allegatament tigra bl-isem ta' lydon kienet aggrediet tifel...*' din il-Qorti qieghda tifhem li dan l-ufficjal acceda fuq is-sit, l-ghada tal-incident u cioe' fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Novembru tas-sena elfejn u hmistax (2015), liema relazzjoni tinsab a fol 166 tal-process. Huwa ha ritratti tas-sit inkluz tat-tigra in kwistjoni. Dan l-inkarigu huwa konfermat permezz tax-xhieda tieghu moghtija quddiem l-Ewwel Qorti fit-tlieta (3) ta' Lulju tas-sena elfejn u sbatax (2017).

[21] Ittra elettronika li tinsab a fol 241 indirizzata lil Dr Chetcuti Ganado minn Anne Marie Borg datata l-24 ta' April 2015 taqra li '*As requested, attached you'll find the census carried out at Montekristo, today 24 April 2015.*'

Jirrizulta mix-xhieda tal-Ispettur Chantelle Casha tat-tlieta (3) ta' Lulju tas-sena elfejn u sbatax (2017) li l-esperti ta-Qorti attendew l-ghada tal-incident. Tghid li '*Minn nahha taghna meta saret inspection fuq il-post l-ghada filghodu haduna fejn kienet din it-tigra, kien hemm erba' (4) tigri identici il-pulizija ma setghetx taghrafha, pero' din it-tigra partikularu kienet tghajjat ghal l-isem ta' Lyden.*' Gie ipprezentat ritratt ta' avviz ma' gagga u tigra li tidher fil-background.

Emanuel Grech u Deniro Barun fix-xhieda taghhom moghtija fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018) u Felix Barun fix-xhieda moghtija fit-tmintax (18) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018) quddiem l-Ewwel Qorti lkoll ikkonfermaw li kien hemm tigra.

Ghalhekk jirrizulta li dak in-nhar tal-akkuza u cioe' fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Nvembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) ma sar l-ebda elenku ta' annimali. Naturalment minn-naha l-ohra ma hemm l-ebda dubju li kien hemm tigra, konsegwenza ta' hekk sehh incident fejn tifel sofra griehi. Din il-Qorti trid tikkunsidra jekk giex ippruvat li Carmel Polidano rabba annimali aggressivi fid-data tal-akkuza u dan billi tara xi prova ingabet li tikkonferma li kien Carmel Polidano li rabba din it-tigra u jekk din it-tigra hijiex fit-termini tal-ligi kkunsidrata bhala annimal aggressiv.

Din il-Qorti wara li fliet l-atti, ma sabet l-ebda prova li Carmel Polidano rabba din it-tigra jew li Carmel Polidano kien responsabbli ghal din it-tigra. Din in-nuqqas ta' prova setghet sehhet minhabba l-fatt li l-prosekuzzjoni strahet fuq dikjarazzjonijiet maghmulha fl-istqarrija ta' Carmel Polidano, liema stqarrija giet dikjarata bhala inammissibli minn din il-Qorti. Anke jekk kellu jigri kkunsidrat li t-tigra hija annimal aggressiv minghajr wiehed ma jara x'tiprovdi l-ligi dwar dan, jibqa' l-fatt li ma giex ippruvat li Carmel Polidano huwa sid l-istabbiliment, li rabba dan l-annimal perikoluz jew b'xi mod iehor kien responsabbli ghal din it-tigra. Ghalkemm Dr Duncan Chetcuti Ganado xehed kif l-ittri u l-warnings kienu jinghataw lil appellat

Carmel Polidano u xehed ukoll li Charles Polidano huwa s-sid ta' Monte Kristo Estate[22], din il-prova fil-kamp penali mhijiex sufficjenti.

Ghalhekk l-ewwel Qorti kienet korretta li ma sabitx htija ta' din l-ewwel imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi t-tieni imputazzjoni tirigwarda li Carmel Polidano zamm stabbiliment zoologiku minghajr licenza. Din l-imputazzjoni hija wkoll marbuta ma' data u hin partikolari u cioe' nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) ghal habta tal-erbgha u nofs ta' wara nofsinhar (16:30pm). Dwar din l-imputazzjoni, l-Avukat Generali fl-aggravju tieghu jissottometti li l-Ewwel Qorti ghamlet referenza ghar-Regolamenti dwar il-Pussess u z-Zamma ta' Annimali Selvaggi fi stabbiliment Zoologici (Ligi Sussidjarja 439.08), fejn giet osservata d-definizzjoni ta' "*stabiliment żooliċi*" li tirreferi ghal "*l-istabbilimenti permanenti kollha fejn jinċammu għal wiri lill-pubbliku għal sebat ijiem jew aktar fis-sena, l-annimali ta' speċi selvaġġa...*" Jissottometti li l-istess ligi sussidjarja tghid li "*[k]ull stabiliment żooloġiku għandu jkollu liċenza fi żmien erba' snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, jew, fil-każ ta' stabiliment żooloġiċi ġodda, qabel ma dawn jinfetħu għall-pubbliku*"

L-appellant Avukat Generali jaghmel referenza ghal kontenut tal-istqarrijiet tal-appellati Carmel Polidano u Michael Mercieca, liema stqarrijiet kif gia inghad mhumiex sejrin jigu kkunsidrati minn din il-Qorti. Kif gia inghad din il-Qorti lanqas sejra tikkunsidra x-xhieda tal-imputati Michael Mercieca u ta' Saleem Mohammed moghtija lill-espert Vincent Ciliberi gialadarba ghalkemm tnizzel li nghataw s-solita twissija, ma jirrizultax jekk inghatax il-jedd li jkollhom Avukat prezenti waqt it-tehid ta' din ix-xhieda. Ghalhekk din il-Qorti sejra tqis il-kumplament tal-provi sabiex tiddetermina jekk l-Ewwel Qorti setghetx tillibera lil appellat Carmel Polidano mill-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Melvin Barbara fix-xhieda tiehu moghtija quddiem l-istess espert Vincent E. Ciliberti xehed li '*Jiena mpjegat bhala barman fil-parti ta' l-animal park fil-Montekristo Estate.*

[22] Fl-atti tal-inkjesta, Dr Duncan Chetcuti Ganado mistoqsi mill-Magistrat Inkwirenti *'Ghax hu owns Monte Kristo Estate?'* wiegeb *'Charles Polidano...'* Filwaqt li fis-seduta tat-30 ta' Jannar, 2018 quddiem l-Ewwel Qorti xehed li *'Pero' ovjament naf li l- post huwa sidu Mr. Polidano.'*

*Nghid illi ili mpjegat hawn sena u tmien xhur u qatt qabel ma rajt incidenti.'* L-istess xhud '*mistoqsi jekk gieli rajtx l-impjegati bit-tigri fiz-zoni fejn ikun hemm il-vizitaturi, nghid illi gieli rajt impjegati iduru bit-tigri fil-hinijiet li jkun hawn il-vizitaturi.*' Interessanti li dan ix-xhud juza l-kelma '*zoo*'. Ahmad Mohammed li ta' x-xhieda tieghu quddiem l-espert Vincent Ciliberti xehed li '*I am an employee of Montekristo and I have been employed here this last month, but about a year ago I left Malta to Italy, though for two and a half years before travelling to Italy I was also employed at the animal park here.*' Xehed ukoll li '*At present I have not signed any employment contract with Montekristo, although before, during those two and a half years I had signed an employment contract as an animal carer including birds and wild animals.*' Ix-xhieda Manuel Grech, Felix Barun u Daniro Barun fix-xhieda taghhom quddiem l-espert Vincent E. Ciliberti lkoll jghidu li dakinhar raw l-annimali. Mix-xhieda ta' Dr Roberto Andrea Balbo u Dr. Duncan Chetcuti Ganado moghtija kemm fl-atti tal-inkjesta u anke quddiem l-Ewwel Qorti jirrizulta li dan il-park kien ilu miftuh ghal pubbliku tant li fis-sena elfejn u tnax (2012) kien gia intbghat l-ewwel avviz. Ma jistax jigi eskluz li kien hemm xi zmien li dan l-istabbilemt kien maghluq pero' mix-xhieda ta' dawn iz-zewg veterinarji, jirrizulta kjaramant li dak inhar li sehh l-incident ma kinitx l-ewwel darba li dan is-sit kien miftuh ghal pubbliku.

Din il-Qorti ghalhekk sejra tirreferi ghad-definizzjoni ta' 'stabbiliment żooliċi' kif moghtija fil-legislazzjoni sussidjarja 439.08 u cioe' Regolamenti Dwar ż-Żamma ta' Annimali Sevaġġi fi stabbilimenti żooloġiċi'. Din tirreferi ghal '*l-istabbilimenti permanenti kollha <u>fejn jinżammu għal wiri lill-pubbliku għal sebat ijiem jew aktar fis-sena</u>, l-annimali ta' speċi selvaġġa bl-eċċezzjoni taċ-ċirku, ħwienet tal-pets u stabbilimenti li s-Servizzi Veterinarji teżenta mill-ħtiġiet ta' dawn ir-regolamenti minħabba f'li ma jesibixxux numru sinifikanti ta' annimali jew ta' speċi lill-pubbliku u li l-eżenzjonima tfixkilx l-objettivi ta' dawn irregolamenti.*' (Sottolinear mizjud minn din il-Qorti.)

Ir-regolament 4(2) ta' din il-legislazzjoni sussidjarja tipprovdi li:

'*Kull stabiliment żooloġiku għandu jkollu liċenza fi żmien erba' snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, jew, fil-każ ta' stabilimenti żooloġiċi ġodda, qabel ma dawn jinfetħu għall-pubbliku.*'

Dawn ir-regolamenti dahlu fis-sehh fit-tletin (30) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgha (2009) u ghalhekk kif tajjeb issottometta l-appellant Avukat Generali meta sehh l-incident ghaddew medda ta' sitt (6) snin mid-dhul fis-sehh ta' din il-Legislazzjoni Sussidjarja. F'kaz li kellu jigi kkunsidrat bhala stabbiliment gdid, dan ma setghax ikun miftuh minghajr il-licenzja necessarja.

Ikkunsidrat;

Illi sabiex stabbilimenti ikunu kkunsidrati bhala '*stabbiliment żooliċi*' irid jirrizulta li jrid jigi ppruvat li dan l-istabbilment jinzamm ghal wiri tal-pubbliku ghal sebat'ijiem jew aktar fis-sena. Nonostante dan, il-Prosekuzzjoni illimitat l-imputazzjonijiet ghal data partikolari u cioe' '*Nhar it-28 ta' Novembru 2015, għall-ħabta tal-16:30 ta' wara nofs inar, ġewwa Monte Kristo Animal Park, f'Ħal Farruġ, limiti tas-Siġġiewi*'. Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li bil-mod ta' kif inhi redatta l-akkuza, ma setgha qatt jigi pruvat li dan l-istabbiliment kien jaqa fid-definizzjoni ta' 'stabilimenti żooliċi' u dan stante li l-akkuza kellha almenu tirreferi u tinkludi jiem qabel u sussegwentement tipprova li dan kien miftuh ghal pubbliku ghal sebat'ijiem jew aktar. Fil-fehma ta' din il-Qorti ix-xhieda tal-impjegati u cioe' ta' Melvin Barbara u Ahmad Mohammed ma humiex bizzejjed sabiex jigi pruvat dan.

L-Ewwel Qorti kkunsidrat '*Illi l-Prosekuzzjoni stess sparat ghal saqajjha meta fl-imputazzjoni* ***taghti d- data biss tat-28 ta' Novembru 2015****. Jekk fl-akkuza li prezentat il-Prosekuzzjoni qieghda taghti data wahda allura kif tista' tippretendi li ssib lill-imputat hati li zamm zoo meta ma ngabitx il-prova krucjali li zamm dan ghal aktar minn sebat ijiem kif titlob il-ligi?*

*Illi meta sehh l-allegat incident, it-28 ta' Novembru, 2015 l-Ligi Sussidjarja 439.19 kienet ghadha ma gietx in vigore. Ir-Regolamenti dwar il-Pussess u z-Zamma ta' Annimali Perikoluzi dahlet fis-sehh permezz tal-Avviz Legali 46 tal-2016 fil-5 ta' Mejju, 2016.*

*Il-ligi sussidjarja 439.08 intitolata 'Keeping of Wild Animals in Zoos Regulations' ma tapplikax ghall-kaz in ezami ghaliex irrizulta mil-provi prodotti illi l-pubbliku dahal biss f'dan is-sit f'okkazjoni wahda u cioe' nhar it-28 ta' Novembru 2015 u l-Ligi Sussidjarja 439.19 intitolata 'Owning and Keeping of Dangerous Animals Regulations' giet promulgata fil-5 ta' Frar 2016 ma tapplikax ghall-kaz in dezamina.*'

Din il-Qorti filwaqt li ma taqbilx mal-Ewwel Qorti fejn tikkunsidra li *'irrizulta mill-provi prodotti illi l-pubbliku dahal biss f'dan is-sit f'okkazjoni wahda u cioe' nhar it-28 ta' Novembru 2015'*, tant li mill-provi u cioe' fosthom mix-xhieda ta' Dr Roberto Andrea Balbo u Dr Duncan Chetcuti Ganado fl-atti tal-inkjesta jirrizulta li dan l-istabbiliment gieli instab miftuh ghal pubbliku, jibqa' l-fatt li mhux biss ma tressqitx il-prova li dan l-istabbiliment ikun miftuh ghal pubbliku ghal sebat'ijiem jew aktar f'sena izda l-fatt li c-citazzjoni tirreferi ghal data wahda partikolari, minnha nfisha ggib fix-xejn id-definizzjoni moghtija mill-legislazzjoni sussidjarja 439.08 li tesigi li l-isabbiliment ikun miftuh ghal publiku ghal sebat'ijiem jew aktar fis-sena.

In oltre', anke jekk wiehed ma jaqbilx ma din l-interprezzjoni, il-prosekuzzjoni ma prezentatx elenku tal-annimali li kien hemm fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) u l-fatt li kien hemm tigra jew tigri u persuni raw annimali ohra ma huwiex bizzejjed sabiex jirrizulta pruvat li Carmel Polidano zamm stabbiliment zoologiku minghajr licenzja. B'zieda ma dan, kif gia inghad dwar l-ewwel imputazzjoni, il-prosekuzzjoni ma rnexxielie tipprova n-ness bejn ir-responsabbilta' ta' Carmel Polidano u dan l-istabbiliment.

Ghalhekk l-Ewwel Qorti korrettament ma sabitx htija tat-tieni imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Dwar ir-raba' imputazzjoni fil-konfront ta' Carmel Polidano, l-appellant jaghmel referenza ghall-istqarrija ta' Carmel Polidano. Kif gia nghad, din qieghda tigi skartata minn din il-Qorti stante li ma nghatax il-jedd sabiex ikun assistit b'Avukat waqt it-tehid tal-istess stqarrija. L-appellant jaghmel referenza ghax-xhieda moghtija minn Michael Mercieca fl-inkjesta li jghid li kien Carmel Polidano li tal-ordni lil handlers Saleem u Ahmad Mohammad sabiex johorgu t-tigra. Din il-Qorti kif gia inghad mhijiex sejra tikkunsidra x-xhieda moghtija mill-appellati Saleem Mohammed u Michael Mercieca quddiem l-espert tekniku Vincent E. Ciliberti stante li ma jirrizultax jekk dawn inghatawx id-dritt li jkollhom Avukat prezenti waqt it-tehid ta' din ix-xhieda.

L-Avukat Generali jaghmel referenza ghal fatt li t-tigra inharget mill-gagga u giet esposta ghal pubbliku b'distanza ta' ftit metri, tigra li ghandha tiqies bhala bhima

perikoluza, inkontrollabli u imprevedibbli meta kkomparata ma' annimal domestiku. Jissottometti li l-bon sens jghidlek li annimal selvagg ma ghandu qatt jigi fdat f'kuntatt mal-pubbliku specjalment meta l-handlers bhala impjegati iqajma dubji kbar fuq il-kwalifikazzjonijiet u kompetenza taghhom, ahseb u ara meta wiehed iqis dak li kien ikun mistenni minn bonus paterfamilias f'tali cirkostanzi. L-appellant Avukat Generali jaghmel referenza ghax-xhieda ta' Dott. Roberto Andrea Balbo u Dott. Duncan Chetcuti Ganado fejn tinghata stampa cara fuq il-perikli previsti meta wiehed jitratta ma bhejjem li di natura huma predaturi u li s-sopravivenza taghhom stess tiddependi fuq l-istint taghhom li jkunu dominanti, aggressivi u vjolenti. Li hemm impikazzjonijiet sejri ta' sigurta anke jekk bhima selvagga ma tkunx mizmuma f'enclosure adekwat, ahseb u ara meta tali bhima tinhareg minn tali enclosure u ssib ruha mdawra minn membri ta' pubbliku f'distanza qasira hafna.

Ir-raba' imputazzjoni taqra' '*B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew, b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġunaw offiża i tkun gravi fuq il-persuna ta' Ayden Cordina;*' Din giet mahruga fil-konfront tat-tlett imputati u cioe' Carmel Polidano, Michael Mercieca u Muhammad Saleem. Filwaqt li l-Ewwel Qorti sabet lill-appellat Muhammed Saleem hati ta' din l-imputazzjoni, l-appellati Carmel Polidano u Michael Mercieca gew liberati.

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Martin Bayliss) (illum Supretendent) Vs Lorenza Dimech'**[23] gie kkunsidrat li:

*'Illi ma hemmx dubju li taht is-sistema legali taghna il-koncett tal-prevedibilita' huwa determinanti biex tirradika ruha il-"culpa" jew eghmil negligenti li jwassal ghas-sinistru , u li jekk l-event dannuz , ghalkemm mhux mixtieq u previst , seta' jigi previst , allura ikun hemm il-"culpa" li twassal ghar- responsabbilta' kriminali ghax kif jghid il-CARRARA (Programma 84) : -*

*"il non aver previsto la consequenza offensiva sconfina la colpa dal dolo . Il non averla potuto prevedere sconfina il caso dalla colpa."*

*u kif irriteniet il-Corte di Cassazione Taljana (13.V. 1907 , in Giust. Penale , 1907 , 772) :-*

*"e' sempre il concetto della prevedibilita' dell' evento ...quello su cui si fondano , se non*

[23] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta' Gunju, 2002 (Appell Numru: 52/2002)

*esclusivamente , almeno principalmente , e la teorica di diritto e il codice positivo nei reati colposi."*

*Ghalhekk kuntrarjament ghal dak li hemm kontenut fl-aggravji tal-appellanti , kien hemm certament in- ness ta' kawza w effett bejn l-assenza tal-appellanti mill-klassi u dak li gara u cioe' li tifel ckejken li kien fdat fil-kura taghha, jipprova jinzel it-tarag warajha u jitgerbeb it-tarag b'konsegwenzi serji kif gara. Ghalkemm dan zgur li ma kienx mixtieq mill-appellanti , zgur li setghet ipprevediet li kien seta' jigri u ghalhekk , meta hi ma talbitx l-assistenza ta' xi wahda mit-teachers tal-klassijiet ta' magemba biex sakemm tinzel isfel, jghassulha ghat-tfal taghha ukoll, naqset li tiehu prekawzjoni normali li solitament kienet tiehu - kif anki xehdet hija stess - u li facilment setghet hadet.*'

Ahmad Mohamed fix-xhieda tieghu moghtija quddiem l-espert tekniku Vincent Ciliberti xehed li '*At around 4.15pm /4.30pm yesterday, my friend Saleem Mohammed informed our manager whose name is Michael, to tell him that the tiger seemed not be well, and Michael gave us permission to take the tiger out of the cage and take the tiger for a walk.*'

Ahmad Mohammed ghalhekk jghid li kien Michael li taghhom il-permess li johorgu t-tigra ghal mixja. Din il-Qorti tqis li ma jirrizultax pruvat minghajr dubju dettat mir-raguni li kien Carmel Polidano li ta' l-ordni jew li approva li tinhareg it-tigra ghal mixja hdejn il-pubbliku u in oltre kif gia inghad ma giex pruvat sodisfacentament in-ness bejn Carmel Polidano u l-istabbiliment fejn sehh l-incident. Ghalhekk din il-Qorti lanqas ma hija tilqa' din il-parti tal-aggravju. Gialadarba din il-Qorti qieghda tikkonferma li Carmel Polidano ma huwiex hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, it-tielet imputazzjoni u cioe' tar-recidiva lanqas ma tista' tirrizulta.

Ikkunsidrat;

L-appellant Avukat Generali dwar ir-raba' (4) imputazzjoni fil-konfront tal-appellat Michael Mercieca jissottometti li minn informazzjoni mehuda mill-Pulizija a tempo vergine li l-handlers Saleem Mohammad u Ahmad Mohammad kienu hadu l-permess mill-appellat Michael Mercieca sabiex johorgu t-tigra mil-gagga u li dan fl-ebda hin ma oggezzjona jew oppona tali azzjoni. Li l-appellat Michael Mercieca kien ben nformat u konsapevoli li t-tigra kienet se tinhareg mil-gagga fil-hin fejn il-pubbliku kien prezenti fil-lok in kwistjoni u bhala l-persuna li gie identifikat kemm

mill-handlers stess kif ukoll mill-Pulizija bhala l-manager tal-impjegati ta' Monte Kristo Animal Park li jiehdu hsieb l-annimali u li dan ma ghamel assolutament xejn biex iwaqqaf din il-prattika ferm irresponsabbli u perikoluza.

Tenut kont tal-fatt li din il-Qorti mhijiex tqis l-istqarrijiet rilaxxati mill-imputati u x-xhieda rilaxxati mill-intimati quddiem l-espert tekniku Vincent E. Ciliberti, jibqa' x-xhieda ta' Ahmad Mohammed moghtija quddiem it-tekniku Vincent E. Ciliberti li torbot lill-appellat Michael Mercieca mal-incident fis-sens li jghid li '*At around 4.15pm / 4.30pm yesterday, my friend Saleem Mohammed informed our manager whose name is Michael, to tell him that the tiger seemed not be well, and Michael gave us permission to take the tiger out of the cage and take the tiger for a walk.*' Filwaqt li r-rapport tal-Pulizija, senjatament a fol 147 jipprovdi li l-handlers tat-tigra u cioe' 'Saleen Mohammed'[24] u 'Ahmad Mohammed' '*stqarru illi t-tigra msemmija kienet xi ftit ma tiflahx u wara li hadu l-permess minghand il-manager Michael Mercieca huma harguha mill-gagga marbuta permezz tac-cineg biex johduha dawra mal-Park.*' Kif gia inghad, din il-Qorti mhijiex tqis dik il-parti tar-rapport tal-Pulizija a fol 144 u 212 et sequitur fejn hemm imnizzel il-verzjonijiet moghtija mill-imputati u cioe' 'Saleen Mohammed'[25] u Michael Mercieca stante li ma jirrizultax li inghataw id-dritt li jkollhom Avukat prezenti waqt ir-rilaxx tal-verzjoni taghhom. Ma jirrizultax li l-akkuzat Carmel Polidano ta' l-verzjoni tieghu lil Pulizija f'dak l-istadju. Din il-Qorti lanqas ma tista tqis il-parti fir-rapport tal-Pulizija fejn hemm imnizzel li '*Michael Mercieca (Id. 624160M) fil-kapacita tieghu li jiehu hsieb l-Annimali fejn stqarr illi l-Handlers kienunfurmawh li kienu ser johorgu lit-Tigra ghal dawra fejn x'hin gara l-incident huwakien prezenti fejn ikkonferma l-verzjoni li taw il-Handlers aktar kmieni.*'

Skont ix-xhieda ta' Ahmad Mohammed moghtija quddiem Vincent E. Ciliberti Michael huwa manager u huwa l-persuna li approva li din it-tigra tinhareg mill-gagga u ttiehed mixja. Din il-Qorti izda ma tqis li din il-prova wahedha flimkien mal-verzjoni moghtija minn Ahmed Mohammed skont ir-rapport tal-Pulizija hija sufficenti sabiex tinstab htija ta' din l-imputazzjoni fil-konfront tal-appellat Michael Mercieca u ghalhekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tilliberah.

[24] Din il-Qorti qieghda tifhem li ghandu jaqra 'Saleem Muhammed'
[25] Din il-Qorti qieghda tifhem li ghandu jaqra 'Saleem Muhammed'

F'dan ir-rigward, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs JOSEPH MUSCAT (I.D. 265257M)'**[26]:

*'Illi l-prosekuzzjoni ghadnha l-obbligu li tipprova il-kaz taghha lil hin min kul dubbju dettat mir-raguni. Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-*

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Jinghad f'dan l-istadju li l-imputat mhux tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu, izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi u cioe' beyond reasonable doubt.*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuzi dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal- Appell Kriminali nhar is-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Philip Zammit et'** u tghid pero' mhux kull l-icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li 'dubju jkun dak dettat mir-raguni.' Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa (5) ta' Dicembru, 1997 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Peter Ebejer'**, dik il-Qorti fakkret li l- grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id- dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz '**Miller vs Minister of Pension'** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law*

[26] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-11 ta' April, 2017 (Kump Nru: 455/13)

*would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."'*

Fis-sentenza fl-ismijiet' **Il-Pulizija Vs. Joseph Azzopardi Edward Vella'**[27] gie kkunsidrat li:

*'U issa ghalhekk wiehed jistaqsi xi tfisser verament presunjoni tal-innocenza ? Din tfisser li l-akkuzat ma jrid jipprova xejn dwar l-innocenza tieghu; l-Prosekuzzjoni trid tipprova l-htija tieghu. Ghalhekk peress li hija l-Prosekuzzjoni li allegat l-htija tal-imputat, l-onus generali tal-prova, u cioé tal-prova tal-htija tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni; li ghandha ghalhekk tipprova kull element tar-reat partikolari sabiex tasal ghal din l-istess konkluzzjoni.*

*L-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat jrid ikun assolut, oltre kull dubbju dettat mir- raguni u f'kaz li jkun hemm xi dubbju ragjonevoli, il-Prosekuzzjoni tigi kunsidrata' li ma ppruvatx l-kaz taghha ta' htija u ghalhekk l-Qorti hija obbligata' li tillibera.'*

Ghalhekk stante li l-Ewwel Qorti setghet legalment ma ssibx htija kontra Michael Mercieca, din il-Qorti qieghda tichad ukoll dan l-aggravju.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell tal-Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza appellata.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur

[27] Decided by the Court of Criminal Appeal on 4th September 2018 (Appeal number: 470/2017)